MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 455/2005

**Michael Attard Holdings Ltd gia Michael Attard Ltd (C6093)**

**vs**

**Francis Caruana u Anna Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-11 ta Frar 2005, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf erba mija u disgha u sebghin lira u seba centezmi (Lm1479.07) rapprezentanti import ta ghaxar kambjali skaduti accettati u ffirmati mill-konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-13 ta’ Frar 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba ta’ elf erba mija disgha u sebghin lira u seba centezmi (Lm1479.07) bl-imghaxijiet legali ulterjuri dekorribbli mill-iskadenzi relattivi ghal kull-kambjala u bl-ispejjes ta’ dina l-istanza a karigu tal-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------